MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2014

Avviz Numru. 291/2013

Middlesea **Insurance plc**

**Vs**

**Andrew Cutajar**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors li bih is-socjeta' attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat li jhallas lis-socjeta' attrici s-somma komplessiva ta' erbat elef tlett mija u erbgha u sebghin Ewro u tlettax-il centezmu (€4374.13) rappresentanti kwantu ghas-somma ta' elfejn hames mija u sitta u ghoxrin Ewro u

tmienja u sittin centezmu (€2526.68), is-sorte tal-Arbitragg fl-ismijiet Gasan Mamo Insurance Limited et vs Andrew Cutajar numru M2081/2009 (Dokument A), deciza fis-7 ta' Settembru 2012; in kwantu ghas-somma ta' disgha mija u tmienja u tletin Ewro u erbgha u erbghin centezmu (€938.44) bhala spejjez arbitrali (Dokument B); in kwantu ghas-somma ta' tliet u tletin Ewro u tlieta u tletin centezmi (€33.33) bhala taxxa fuq il-valur mizjud fuq l-ispejjez arbitrali; in kwantu ghas-somma ta' tmien mija u hamsa u sebghin Ewro u tmienja u sittin centezmu (€875.68) imghax dekoribbli mit-18 t'April 2008 sad-data tal-hlas, kif ordnat fid-decizjoni arbitrali; liema somma giet imhallsa mis-socjeta' attrici indebitament u biss ghaliex gew invokati kontra taghha mill-imsemmija rikorrenti Gasan Mamo Insurance Limited et, id-dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, ghaliex fil-11 ta' Novembru, 2007 cioe' meta sehhet il-kollizzjoni stradali meritu tal-imsemmija kollizjoni, l-konvenut ma kienx ghalaq l-eta' ta' hamsa u ghoxrin (25) sena u l-polza ta' assikurazzjoni numru P17004032, (qabel 064778-30/06), tat-tip Third Party Only (TPO) mahruga mis-socjeta' attrici illi kienet tkopri l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni FAD 062 misjuqa mill-konvenut dakinhar tal-kollizjoni kienet biss tkopri l-uzu ta' dik il-vettura minn persuni ta' l-fuq minn hamsa u ghoxrin (25) sena.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra gudizzjarja numru 2972/2012 (Dokument C u Dokument D) tal-14 ta' Dicembru, 2012 u bl-imghax legali mid-29 ta' Dicembru, 2012, cioe' d-data tan-notifika lill-konvenut tal-imsemmija ittra gudizzjarja sad-data tal-hlas effettiv. Il-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat li fis-seduta tal-24 ta' Jannar 2014 gie prezentat kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut.

Rat in-nota tal-konvenut Andrew Cutajar ippresentata fir-Registru ta' din il-Qorti fl-24 ta' Jannar 2014 (a fol. 19 tal-process) li biha l-istess konvenut, ammetta t-talbiet tas-socjeta' attrici.

In vista ta' dak premess, il-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma komplessiva ta' erbat elef tlett mija u erbgha u sebghin Ewro u tlettax-il centezmu (€4374.13), bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra gudizzjarja numru 2972/2012 tal-14 ta' Dicembru, 2012 u bl-imghax legali mid-29 ta' Dicembru, 2012 sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------